MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 819/1999/1

George **SCIBERRAS** u b’degriet tal-1 ta’ Ottubru, 2009, l-atti tal-kawża għaddew f’isem Maria Sciberras u wliedha Lawrence, Anthony u Mary Rose Spiteri, aħwa Sciberras, minħabba l-mewt tal-attur George Sciberras fil-mori tal-kawża

vs

Nikol **CUTAJAR**, Charles Mizzi, u Alfred Briffa bħala Editur tal-gażżetta *It-Torċa*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' April, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (a) ssib li huwa kien libellat, malafamat u inġurjat f'artiklu li deher f'ħarġa tal-gażżetta *It-Torċa* tat-28 ta' Marzu, 1999, taħt ir-ras "*Kif u għala għamluli ħajti nfern*"; (b) issib u li l-imħarrkin jitqiesu ħatja ta' dan u (ċ) tordna lill-imħarrkin biex jagħmlu tajjeb bil-ħlas ta' danni għall-ħsara li huwa ġarrab. Talab ukoll l-ispejjeż u l-ħlas tal-imgħaxijiet minn dak inhar li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-11 ta' Mejju, 1999, li biha l-imħarrek Alfred Briffa laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li, safejn l-ewwel talba tirreferi għalih, ma tistax tintlaqa' taħt il-Liġi tal-Istampa. Għalhekk, żied jgħid li t-tieni talba lanqas ma tista' tintlaqa' kontrih;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-17 ta' Mejju, 1999, li biha l-imħarrek Nikol Cutajar ċaħad li s-siltiet imsemmija mill-attur huma libellużi, u żied jgħid li l-fatti allegati ma kinux "determinanti għal persuna speċifika";

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-5 ta' Lulju, 1999, li biha l-imħarrek Charles Mizzi laqa' billi, b'mod preliminari, qal li ma jistax jinżamm responsabbli li b'xi mod illibella, ta isem ħażin jew inġurja l-ġieħ tal-attur, billi l-artiklu kien intervista u kulma għamel kien li ġabar it-tweġibiet tal-imħarrek Cutajar, irriproduċihom kif saru u ma żied l-ebda kumment personali tiegħu. Żied jgħid li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex l-artiklu mhux libelluż;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Marzu, 2001[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

[1] Paġ. 74 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' April, 2001, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tad-19 ta' April, 2001, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2003, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq permezz ta' noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-4 ta' Awissu, 2003[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Alfred Briffa fil-21 ta' Awissu, 2003[3], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Nicholas Cutajar fit-2 ta' Ottubru, 2003[4];

Rat li l-imħarrek Charles Mizzi ma ressaq l-ebda sottomissjoni;

Rat in-Nota ta' Rinunzja tal-patroċinju mressqa fl-4 ta' Novembru, 2004[5], mill-avukati Rachel Loporto Montebello u Ramona Frendo fir-rigward tal-imħarrek Cutajar;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2009[6], li bih ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' mart u tat-tliet ulied tal-attur, fid-dawl tal-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġġ. 176 – 186 tal-proċess
[3] Paġġ. 187 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 190A sa 205 tal-proċess
[5] Paġ. 213 tal-proċess
[6] Paġ. 235 tal-proċess

Illi dan huwa każ ta' libell bl-istampa. L-attur jgħid li siltiet minn artiklu – f'għamla ta' intervista li saret bejn l-imħarrek Charles Mizzi bħala l-intervistatur u l-imħarrek Cutajar bħala l-persuna intervistata – kienu libellużi dwaru, jweġġgħulu l-unur tiegħu u jagħtuh isem ħażin mal-qarrejja. L-artiklu-intervista kien deher fil-ħarġa tat-28 ta' Marzu, 1999, tal-gażżetta *It-Torċa*, li tagħha l-imħarrek Briffa kien dak iż-żmien l-editur;

Illi għal din l-azzjoni t-tliet imħarrkin laqgħu, min b'raġuni jew b'oħra, billi ċaħdu li l-artiklu kien libelluż;

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur kien membru fil-Korp tal-Pulizija. Huwa kien temm is-servizz f'Ġunju tal-1993[7]. L-imħarrek Cutajar ukoll kien uffiċjal fil-Korp, li kien temm is-servizz tiegħu xi żmien wara li kien laħaq il-kariga ta' Assistent Kummissarju;

Illi lejn tmiem is-sena 1992, l-imħarrek Cutajar kien involut fi proċeduri fil-Qorti dwar talba għat-tneħħija tal-liberta' kundizzjonali ta' persuna li qabel kienet tokkupa l-ħatra ta' Kummissarju tal-Pulizija, f'liema proċeduri l-imsemmi mħarrek kien tressaq bħala xhud. F'dawk il-jiem li kienet miexja l-imsemmija proċedura, u sewwasew fit-2 ta' Jannar, 1993, l-imħarrek Cutajar kien iltaqa' mal-attur fid-dar ta' dan fir-Rabat, Għawdex. Il-laqgħa saret filgħaxija, u l-attur jgħid li l-imħarrek talbu biex jitla' jixhed li fil-31 ta' Diċembru, 1992, hu (l-attur) kien tella' lil Cutajar sa Għawdex bil-karozza, wara li kien ġabru minn ħdejn ħanut fil-Floriana. L-attur – li dak iż-żmien kien għadu membru tal-Korp tal-Pulizija – seħaq li ma riedx jgħid hekk għaliex ma kienx minnu li huwa niżel Malta dak inhar, billi hu kien xogħol f'Għawdex. L-attur kien xehed fl-imsemmija proċeduri f'Malta fl-4 ta' Jannar, 1993. Ftit jiem wara, fit-22 ta' Jannar, 1993, huwa reġa' xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dwar l-episodju ta' x'ġara f'dawk il-jiem ta' bejn l-aħħar tas-sena 1992 u l-bidu

[7] Xhieda tiegħu 6.12.1999, f'paġ. 31 tal-proċess

tal-1993[8] dwar akkużi li kienu nħarġu kontra l-imħarrek Cutajar lejn il-bidu ta' dak l-istess xahar[9];

Illi f'xi żmien matul l-1999, l-imħarrek Mizzi, bħala ġurnalist u artikolist stabilit, kien talab lill-imħarrek Cutajar biex jintervistah dwar il-ġrajjiet li dan kien għadda minnhom fil-korp. L-intervisti saru u qabel ma l-imħarrek Mizzi għaddiehom għall-pubblikazzjoni, bagħat abbozz lill-imħarrek Cutajar li għaddihomlu lura b'xi bidliet[10]. L-imħarrek Briffa kien l-editur ta' "*It-Torċa*" fiż-żmien li saret il-pubblikazzjoni tal-artiklu inkriminat. L-artikli dehru fuq medda ta' żewġt Iħdud, fil-21 ta' Marzu, 1999[11], u fit-28 ta' Marzu, 1999[12]. Matul l-intervista u bħala parti mis-subtitoli tagħha fiż-żewġ ħarġiet, l-imħarrek Cutajar ta x'jifhem li dak li tkellem dwaru fl-intervista kien se' jtennih b'aktar dettal fi ktieb li huwa kiteb u li kien fi ħsiebu jippubblika 'l quddiem;

Illi l-kawża nfetħet fit-12 ta' April, 1999;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar il-mertu</u> xieraq li jingħad li l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dwar jekk l-artiklu msemmi jikkostitwux tassew kitba libelluża fil-konfront tal-attur. Id-determinazzjoni ta' dan l-aspett mhux biss huwa meħtieġ biex isejjes l-ewwel talba attriċi, iżda jiddetermina wkoll jekk kemm-il darba l-Qorti għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ xi eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin;

Illi, madankollu, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aspetti ġuridiċi tal-każ li għandha quddiemha fil-mertu, jidher xieraq li tipprovdi dwar in-Nota mressqa mill-imħarrek Cutajar fis-17 ta' Jannar, 2002[13], u li biha ressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalkemm f'dik in-Nota jingħad li kienet qegħda titressaq taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(11) tal-Kap 12, jidher li, madankollu, ma saritx kif trid

[8] Dok "RM2", f'paġġ. 112 – 9 tal-proċess
[9] Dok "NC1", f'paġ. 153 tal-proċess
[10] Xhieda tal-imħarrek Mizzi 3.4.2003, f'paġġ. 168 - 9 tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[13] Paġ. 83 tal-proċess

il-liġi. Kopja tagħha kienet notifikata lill-avukat tal-attur, li, madankolu, qatt ma ikkummenta xejn dwarha;

Illi huwa minnu li l-liġi tgħid li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' parti mħarrka tista' wara – jiġifieri meta l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu u qabel jibda jressaq il-provi l-imħarrek – tinbidel b'Nota separata, kemm bit-tneħħija ta' xi eċċezzjoni u kif ukoll biż-żieda ta' oħrajn. Madankollu, dan il-jedd tal-parti mħarrka jrid isir b'ħarsien ta' dak li tipprovdi l-istess liġi. Dwar dan, l-artikolu 728(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura jfisser preċiż x'għandu jsir jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun trid tressaq eċċezzjoni oħra fi stadju ieħor tal-kawża wara li tkun tressqet in-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158(11) għandhom jitfissru bħala subordinati għal dawk tal-artikolu 728 li jagħmel parti mis-Sub-Titolu tal-Kodiċi li jirreferi għal "l-Eċċezzjonijiet in Ġenerali". Il-proċedura preskritta dwar eċċezzjonijiet ulterjuri – u li ddaħħlet fil-Kodiċi bil-bidliet estensivi li seħħew fih bl-Att XXIV tal-1995 – trid li tali eċċezzjonijiet jitħallew jitressqu biss bil-permess tal-Qorti wara li tkun saritilha talba għal daqshekk b'rikors, u wara li tqis jekk kienx hemm raġuni siewja li minħabba fiha tali eċċezzjoni ulterjuri ma tkunx ingħatat qabel. Dan jidher li jgħodd ukoll fil-każ fejn l-eċċezzjoni ulterjuri tkun fil-għamla ta' kjarifika ta' xi eċċezzjoni mressqa qabel;

Illi l-imsemmija eċċezzjoni "ulterjuri" mressqa mill-imħarrek Cutajar m'hijiex waħda minn dawk li għalihom jgħodd l-artikolu 731 tal-imsemmi Kodiċi;

Illi l-imħarrek Cutajar ma ressaq l-ebda rikors biex jitlob lill-Qorti tħalli li n-Nota tal-Eċċezzjoni ulterjuri tiegħu tiddaħħal fl-atti tal-kawża. Għall-kuntrarju, fl-intestatura tan-Nota donnu jimplika li dik in-Nota kien qiegħed iressaqha b'jedd. Kif ingħad, tali jedd huwa kondizzjonat għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti u wara li tiġi mħarsa l-proċedura preskritta. F'dan il-każ, għalhekk, in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-imħarrek Cutajar hija għal kollox

irrita u l-Qorti m'hijiex tqisha, anzi qiegħda tordna t-tneħħija tagħha mill-atti tal-kawża;

Illi l-Qorti sejra issa tistħarreġ il-mertu tal-**ewwel talba attriċi**. F'dan ir-rigward, irid jingħad li l-artiklu inkriminat kien jagħmel minn sensiela ta' żewġ artikli li dehru fuq medda ta' ġimgħa, Ħadd wara Ħadd, matul Marzu tal-1999. L-azzjoni tal-attur tintrabat mal-pubblikazzjoni tat-tieni mill-imsemmija żewġ artikli pubblikati. Tirrileva wkoll li ġeneralment, il-kwestjonijiet legali li jolqtu dan il-każ jixbhu dawk imressqin f'kawża oħra mibdija minn ħaddieħor kontra l-istess tliet imħarrkin tal-lum, u li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata minn din il-Qorti llum ukoll[14]. Madankollu, minbarra li l-attur f'dik il-kawża u f'din m'humiex l-istess persuna, lanqas iċ-ċirkostanzi fattwali li fihom jidħlu l-attur tal-lum u l-attur f'dik il-kawża ma huma l-istess. Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tieqaf billi sempliċement tirreferi għall-konsiderazzjonijiet tagħha f'dak li semmiet fis-sentenza tagħha fil-kawża l-oħra, għaliex il-konklużjonijiet f'din il-kawża jafu jkunu differenti;

Illi il-qafas kronoloġiku u fattwali tal-ġrajja li tifforma l-mertu ta' din il-kawża huwa x'għadda minn għala l-attur bejn il-31 ta' Diċembru, 1992 u t-2 ta' Jannar, 1993, fejn jidħol l-imħarrek Cutajar. Band'oħra, waqt proċedimenti li ttieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-atti tal-Kumpilazzjoni kontra l-imħarrek Cutajar, dan l-episodju ngħata l-isem ta' "*The Gozitan Affair*"[15]. Il-qofol tal-libell tal-lum tnissel mill-fatt li l-attur jisħaq li l-imħarrek Cutajar kien xehed ħażin meta qal li, fil-31 ta' Diċembru, 1992, huwa kien twassal Għawdex minn George Sciberras (l-attur) b'karozza misjuqa mill-istess attur. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Cutajar jisħaq li dak li xehed quddiem il-Qorti Kriminali kien minnu u li kien l-attur li xehed b'mod li ma jaqbilx mas-sewwa. Il-malafama li jara l-attur fl-artiklu inkriminat toħroġ mill-fatt li l-imħarrek Cutajar tenna l-verżjoni tiegħu u qal li l-attur kien xehed ħażin;

---

[14] Ċitazz. Nru. 770/99JRM

[15] Xhieda ta' George Grech 9.6.1993 (fl-Atti tal-Kumpilazzjoni) f'paġġ. 106 u 110 tal-proċess

Illi f'dan il-waqt il-Qorti sejra tislet il-partijiet tal-artiklu inkriminat li l-attur innifsu jsemmi bħala dawk li bihom l-imħarrek Cutajar tah fama ħażina u illibellah;

Illi dawn is-siltiet (kif imniżżla fl-Att taċ-Ċitazzjoni) huma:

(1) "*Ir-raġel Għawdxi li tela' jixhed ċaħadni. Dan, billi kien kuntistabbli, deher ċar li ġie mbeżża' u xehed li mhux veru li kien wassalni hu Għawdex*" (l-ewwel premessa taċ-Ċitazzjoni);

(2) "*Fit-tielet akkuża kien hemm li bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' korruzzjoni tax-xhud PC 338 George Sciberras (il-persuna li kien wasslu Għawdex) huwa wera dan il-ħsieb fit-2 ta' Jannar, 1993, u li dan id-delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' ta' Cutajar*" (it-tieni premessa);

(3) "*Il-Kuntistabbli Sciberras, (dak li wassal lil Nikol Għawdex) qatt ma kien imsejjaħ bħala xhud*" (it-tielet premessa); u

(4) "*Nikol Cutajar fil-ktieb tiegħu bi ħsiebu jiżvela kif l-akkużi kontra tiegħu nbnew waħda fuq l-oħra fuq premessi u ġuramenti foloz. ... 'Qed nippjana li l-ktieb jiġi publikat fl-aħħar ta' din is-sena. Mhux beħsiebni nkun kattiv kif kienu miegħi. Se nsemmi l-fatti u l-identita'*[16] *ta' kull min kellu x'jaqsam ma' dan il-frame up kontra tiegħi*" (ir-raba' premessa);

Illi fl-ewwel talba tiegħu, l-attur jgħid li s-siltiet minnu msemmija jagħtuh isem ħażin mal-qarrej tal-artiklu u jqiegħdu għad-disprezz tan-nies. Huwa jqis li dawk is-siltiet ipinġuh bħala bniedem li xehed il-falz minħabba l-biżgħa li kellu wara pressjoni li saret fuqu, u li bis-saħħa ta' dik ix-xhieda, l-imħarrek Cutajar kienu tressqu kontrih xi akkużi, fosthom dik ta' xhieda falza;

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel ma tgħaddi għall-istħarriġ tas-siwi tal-ewwel talba attriċi, hu meħtieġ li jissemma xi

[16] *Recte :* "u nikxef l-identita'"

tagħrif kronoloġiku marbut ma' dawn il-ġrajja. Fl-20 ta' Novembru, 1992, xi ħadd irrapporta lill- Ministru tal-Intern li kien ra lill-imħarrek Cutajar f'karozza jitkellem ma' l-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Pulliċino tard filgħaxija fl-inħawi tas-Siġġiewi. Fil-31 ta' Diċembru, 1992, wara li spiċċa mix-xogħol, l-imħarrek Cutajar tela' Għawdex bil-ħsieb li, flimkien mal-familja tiegħu, iqattgħu tmiem is-sena fil-post li huma kellhom hemmhekk. Dak inhar filgħaxija, xi nies (fosthom uffiċjal esekuttiv tal-Qorti Kriminali) mar id-dar tal-imħarrek Cutajar (fejn sabu lil martu) u għarrfuha li l-għada (jiġifieri l-Ewwel tas-Sena) kellu jidher quddiem il-Qorti Kriminali biex jixhed. L-istess tlieta min-nies reġgħu marru d-dar tiegħu, għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu, b'avviż biex jitla' jixhed. Fit-2 ta' Jannar, 1993, l-imħarrek Cutajar deher quddiem il-Qorti Kriminali fil-proċeduri li ttieħdu dwar il-ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Dr Pulliċino. Dak inhar, wara nofsinhar, l-imħarrek Cutajar reġa' tela' Għawdex u ltaqa' mal-attur. Fl-4 ta' Jannar, 1993, l-attur issejjaħ b'xhud fil-proċeduri msemmija tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja. Fis-7 ta' Jannar, 1993, fuq ordni mogħti b'degriet tal-Qorti Kriminali dak inhar stess, il-Pulizija Eżekuttiva ħarġet akkużi kontra l-imħarrek Cutajar u ressqitu taħt arrest;

Illi l-attur jgħid li, għal kuntrarju ta' dak li xehed Cutajar fit-2 ta' Jannar, 1993, hu qatt ma wassal lill-imħarrek Cutajar mil-Furjana sa Għawdex bil-karozza fl-aħħar tas-sena, anzi jisħaq li l-aħħar li kien iltaqa' ma' Cutajar kien fil-ġimgħa tal-Milied (tal-1992) ġo Għawdex stess u li kien ilu żmien ma jinżel Malta. L-attur jgħid li, fit-2 ta' Jannar, 1993, wara nofsinhar, l-imħarrek Cutajar kien mar għandu d-dar (wara li kienet ċemplitlu mart Cutajar) u wara li kien diġa' ċempillu l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien (George Grech) biex jgħidlu x'kien xehed dwaru dak inhar filgħodu l-imħarrek Cutajar. L-attur jgħid li Cutajar kien mar għandu biex ikellmu dwar dik ix-xhieda u dwar x'kellu jixhed, iżda huwa ma riedx jaf. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li, fil-31 ta' Diċembru, 1992, kien l-attur li tah rikba f'karozza mikrija u wasslu sa Għawdex. Jgħid li ma kien minnu xejn li, fit-2 ta' Jannar, 1993, kien ċempel lill-attur biex jgħidlu li sejjer għandu, iżda kien tela' għand

l-attur, bħalma kien imdorri jagħmel kull darba li jitla' Għawdex. Jiċħad li huwa tkellem mal-attur fuq il-każ – anzi jgħid li lanqas ma kien basar li l-attur seta' jissejjaħ b'xhud – u wisq anqas li qallu x'kellu jgħid. L-imħarrek Cutajar jinsisti li l-attur xehed kif xehed fl-4 ta' Jannar, 1993, minħabba li jqis li xiħadd werwer lill-attur jew għamel pressjoni fuqu biex jixhed kif xehed;

Illi l-Qorti tqis li x-xhieda li ta l-imħarrek Cutajar quddiem il-Qorti Kriminali kienet wasslet, fost l-oħrajn, biex dik il-Qorti ssib li hu ma kienx xehed is-sewwa u tat degriet f'dan is-sens. Il-Qorti tirrileva wkoll li kopja ta' dan id-degriet ma tressqitx fl-atti ta' din il-kawża. Ma ngħadx lanqas jekk kopja tal-istess degriet qattx kienet f'idejn l-imħarrek Cutajar u jekk, f'dak il-każ, qattx uriha lill-imħarrek Mizzi meta kienet qiegħda ssir l-intervista. Tqis ukoll li mix-xhieda mogħtija mill-attur quddiem dik l-istess Qorti, nħarġet akkuża oħra kontra l-imħarrek Cutajar dwar tentattiv ta' att ta' korruzzjoni;

Illi l-attur ressaq xhieda biex juru li fil-31 ta' Diċembru, 1992, ma tħarrikx minn Għawdex u li, għalhekk, ma setax ikun li hu kien wassal lill-imħarrek Cutajar minn Malta, kif xehed Cutajar. Ressaq xhieda wkoll biex jgħidu li Cutajar kien mar ikellmu d-dar tiegħu fit-2 ta' Jannar, 1993, biex jgħidlu kif għandu jixhed. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Cutajar jiċħad li għamel xi ħaġa bħal din u baqa' jisħaq li kien l-attur li, fl-aħħar jum tas-sena 1992, wasslu sa Għawdex b'karozza mikrija mill-Furjana;

Illi l-Qorti dehrilha li kellha tqis dawn l-aspetti għaliex id-difiża ewlenija tal-imħarrek Cutajar hija dik li l-fatti li huwa semma fl-artiklu inkriminat ma humiex libellużi. Minn qari tas-sottomissjonijiet tiegħu[17], jidher li din id-difiża tinbena fuq il-verita' tal-fatti msemmija;

Illi meta wieħed jitkellem dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti, wieħed jifhem li biex din tirnexxi l-fatti msemmija jridu jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa aċċettat li meta l-parti mħarrka f'azzjoni ta' inġurja blistampa teċepixxi l-

[17] Paġġ. 197 – 200 tal-proċess

verita' tal-fatt, tkun qiegħda titfa' fuqha r-responsabbilta' ta' dak li jkun inkiteb bħala fatt. Il-liġi ma tridx li kull fatt imsemmi jkun is-sewwa kollu u xejn aktar, iżda tistenna mqar li l-fatt ikun sostanzjalment minnu. Kif inhu mgħallem b'awtorita', meta l-parti mħarrka tressaq l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatt inġurjuż, jaqa' fuqha l-piż li turi li dak il-fatt huwa minnu, għaliex imputazzjoni bħal dik fil-konfront tal-parti attriċi titqies bi preżunzjoni li ma hijiex minnha sakemm il-parti mħarrka jseħħilha turi l-kuntrarju (jiġifieri li hija sostanzjalment minnha). Mhux hekk biss, iżda "*the defendant must prove that the defamatory imputation is true. It is not enough for him to prove that he believed that the imputation was true, even though it was published as a belief only*"[18]. Min-naħa l-oħra, hija wkoll waħda mir-regoli li "*the scope of the plea of justification does not depend upon the meanings of the words complained of pleaded by the plaintiff, but upon the meanings which the words are reasonably capable of bearing*"[19];

Illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li meta xi ħadd jixli lil ħaddieħor bit-teħid ta' ġurament falz jew l-għoti ta' xhieda ħażina, xilja bħal dik hija malafamanti. Dik ix-xilja, mbagħad, tieħu xejra aktar qawwija jekk il-persuna mixlija tkun membru ta' korp dixxiplinat. Tkun miżjuda b'qawwa akbar meta jingħad li x-xhieda ngħatat ħażin għaliex tkun saret pressjoni fuq il-persuna li tkun. Fil-fehma tal-Qorti, kliem bħal dak jammonta, mad-daqqa t'għajn, għal xilja gravi malafamanti għaliex ukoll hija xilja ta' reat[20]. Minn dak l-aspett, wieħed mill-obbligi tal-attur f'azzjoni ta' libell – jiġifieri li juri li ntużaw kliem li jagħtu fama ħażina – jirriżulta mwettaq. Il-Qorti tqis ukoll li l-attur ma kienx persuna fil-għajn tal-pubbliku, u għalhekk f'dan ir-rigward id-difiża tal-verita' tal-fatti ssib ħajt aktar iebes biex tkun tgħodd jekk mhux saħansitra eskluża sewwasew minħabba l-karattru privat tal-persuna mġarrba[21];

---

[18] Gatley _On Libel & Slander_ (10th Edit, 2004) , § 11.4
[19] *Per* O Connor L.J. fil-kawża ***Polly Peck (Holdings) p.l.c. vs Trelford*** [**1986**] Q.B. 1000 C.A.
[20] Ara, f'dan ir-rigward, App. Krim. VDG **28.9.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Prof. Anthony P. Jaccarini vs Prof. Peter Serraċino Inglott***
[21] App. Ċiv. **1.2.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXII.i.172**)

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-episodju jekk kienx minnu jew le li, fit-2 ta' Jannar, 1993, l-imħarrek Cutajar kienx tassew mar id-dar tal-attur biex jgħidlu kif kellu jixhed, m'hijiex rilevanti għall-finijiet tad-determinazjoni jekk l-attur kienx libellat. Dan tgħidu għaliex, fl-ewwel lok, is-siltiet fl-artiklu msemmija mill-attur bħala dawk li jħossu malafamat bihom huma dawk fejn jixluh li xehed ħażin għaliex imbeżża' jew mhedded. Hekk ukoll xehed l-attur[22]. Fit-tieni lok, għaliex l-attur innifsu xehed li lill-imħarrek Cutajar lanqas biss laħaq tah opportunita' li jgħidlu x'mar biex jgħidlu ("ma tajtux ċans, ma tajtu ċans illi jgħidli xejn"[23]). Fit-tielet lok, għaliex, fid-dawl ta' dik ix-xhieda tal-attur, jinħalaq konflitt ma' dak li xehdu wliedu: fejn wieħed qal li sema' lill-imħarrek Cutajar jgħid lil missieru x'riedu jixhed[24], waqt li l-ieħor ma ftakarx l-ebda dettalji ta' dak li suppost kien qagħad jissemma' lill-imħarrek Cutajar jgħid lil missieru[25]. Fir-raba' lok, għaliex qallu x'qallu jgħid l-imħarrek Cutajar, xorta waħda l-attur xehed kif ried quddiem il-Qorti Kriminali b'mod li dak li xehed ma qabilx mat-teżi li kellu Cutajar, tant li kien għalhekk li, fl-intervista, Cutajar qies li l-attur kien "ċaħadni";

Illi dak li għall-Qorti huwa rilevanti hu l-fatt jekk fil-31 ta' Diċembru, 1992, l-attur kienx tassew wassal lill-imħarrek Cutajar sa Għawdex b'karozza privata mill-Floriana. Dan huwa l-punt fattwali kollu li jrid jirriżulta għaliex dak huwa l-fatt li l-imħarrek Cutajat jisħaq, għal darba tnejn, fl-artiklu tiegħu. Huwa jorbot iċ-ċaħda ta' dan il-fatt min-naħa tal-attur bħala r-raġuni għaliex jgħid li l-attur kien ċaħdu waqt l-għoti tax-xhieda quddiem il-Qorti Kriminali[26]. Għall-Qorti, il-ħtieġa li jkun stabilit dan il-fatt tgħin qatigħ biex wieħed jasal li jiddetermina jekk dak miktub fl-artiklu dwar l-attur huwiex sostanzjalment fatt li tassew huwa minnu jew jekk huwiex ħaġ'oħra li ma ssejjisx l-eċċezzjoni;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża u sal-grad ta' konvinċiment meħtieġ f'azzjoni bħal din, il-Qorti tgħid li l-attur ma kienx fil-fatt wassal bil-karozza lill-imħarrek

[22] Ara x-xhieda tiegħu 6.12.1999, f'paġ. 35 tal-proċess
[23] *Ibid.* f'paġ. 34
[24] Xhieda ta' Lawrence Sciberras 6.12.1999, f'paġ. 40 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Anton Sciberras 6.12.1999, f'paġ. 44 – 5 tal-proċess
[26] Xhieda tal-imħarrek Cutajar 22.1.2003, f'paġ. 159 tal-proċess

Cutajar sa Għawdex fil-31 ta' Diċembru, 1992. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda mogħtija mill-attur li turi li, dak inhar, huwa kien xogħol f'Għawdex (fl-ghassa fejn kien dettaljat), u kif ukoll mix-xhieda ta' persuni oħrajn li wieħed jista' joqgħod fuqhom. Min-naħa l-oħra, mart l-imħarrek Cutajar setgħet biss tgħid li semgħet lil żewġha jgħidilha li kien ser jitla' Għawdex mal-attur[27] (u għalhekk m'hijiex xhieda diretta) filwaqt li l-imħarrek ma għarafx ifisser kif, ladarba l-attur kien xogħol fil-"*watch*" ta' filgħodu f'Għawdex, seta' kien minnu li dan kien tellgħu bil-karozza mikrija mill-Floriana kmieni wara nofsinhar (seħaq li Għawdex waslu meta kien għadu d-dawl) jew x'kien niżel jagħmel l-attur Malta dak il-ħin[28]. B'dan il-mod, għalhekk, meta l-attur xehed u ċaħad li huwa wassal lill-imħarrek Cutajar sa Għawdex fl-aħħar tas-sena tal-1992, ma kienx xehed il-falz;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-kliem fl-artiklu li jinstab fis-siltiet impunjati mill-attur ma jirriżultax li jinbnew fuq fatt li huwa sostanzjalment minnu, u għalhekk id-difiża tal-imħarrek Cutajar fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu u dik tal-imħarrek Mizzi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu m'hijiex mistħoqqa. Minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-ewwel talba tal-attur hija tajba u sejra tilqagħha u dan għaliex il-kliem imsemmi minnu tassew illibellah, tah fama ħażina u esponih għad-disprezz;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni linja ta' difiża tal-imħarrek Cutajar u li tinstab fit-**tieni eċċezzjoni** tiegħu, ftit hemm x'wieħed jgħid. Is-siltiet kollha, minbarra waħda, msemmija mill-attur isemmuh b'ismu. Dik is-silta li ma ssemmihx b'ismu, l-imħarrek Cutajat stqarr li tirreferi għall-attur[29]. F'kull każ, jekk wieħed jaqra s-siltiet kollha flimkien, ma jifdal l-ebda dubju li l-ewwel silta tirreferi għall-attur u qarrej ta' dehen ordinarju ma jistax jifhimha li qiegħda tirreferi għal ħaddieħor;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li lanqas it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek Cutajar ma hija tajba;

---

[27] Xhieda tagħha 13.3.2002, f'paġ. 130 tal-proċess
[28] Xhieda tal-imħarrek Cutajar 22.1.2003, f;'paġġ. 160 – 1 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu 22.1.2003, f'paġ. 159 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tqis issa l-**ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Mizzi** li biha jgħid li m'għandux jinżamm responsabbli lejn l-attur għal malafama għaliex is-siltiet kollha msemmija mill-attur huma legalment aċċettabbli, għandhom mis-sewwa u m'humiex libellużi għaliex jikkostitwixxu riflessjoni tad-dritt tiegħu li jikkummenta u jfisser il-fehma tiegħu fuq il-fatti msemmija. Jidher li din l-eċċezzjoni tinbena fuq il-jedd tal-imħarrek għal kumment ġust;

Illi kif ingħad bosta drabi biex din id-difiża tgħodd, trid tkun mibnija fuq fatti li ġraw u mhux fuq fatt mistħajjel jew mgħawweġ skond il-fehma ta' min ikun qed jagħmel il-kumment inġurjuż. Fin-nuqqas ta' fatt vera, ma jkunx hemm art li fuqha żżomm id-difiża tal-kumment ġust. F'dan il-każ, il-kumment li jattribwixxi l-imħarrek Mizzi jikkonsisti fi attribuzzjoni – magħmula fuq il-verżjoni tal-imħarrek l-ieħor Cutajar – li l-attur xehed ħażin meta ċaħad li wassal lil Cutajar b'karozza mikrija minn Malta għal Għawdex. Huwa mgħallem, li biex tkun tajba, d-difiża tal-kumment ġust trid tintwera li l-bażi ta' kull kritika jew kumment li ssir taħtha jinbnew fuq fatti li "ikunu vera fil-kompletezza tagħhom"[30];

Illi huwa stabilit ukoll li biex tirnexxi d-difiża tal-kumment ġust, irid jintwera li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun[31]. Il-Qorti tifhem li din il-linja ta' interpretazzjoni meħuda mill-Qrati Maltin tista' titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta' awtoritajiet jew duttrina evoluta fl-aħħar żminijiet[32], l-iżjed fejn jidħol l-

---

[30] App. Ċiv. **21.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et*** (mhix pubblikata)

[31] Ara App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***

[32] Ara, b'eżempju, Gatley on Libel & Slander (10th Edit, 2004), §§ 12.7 – 12. 14 f'paġġ. 255, 257

aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

Illi, minn dak li waslet għalih il-Qorti, jirriżulta li l-"fatt" asserit mill-imħarrek Cutajar ma kienx minnu. Mela, ladarba l-fatt ma jirriżultax li kien minnu, lanqas marġinalment, id-difiża tal-kumment ġust ma treġix u l-imħarrek Mizzi – li xehed li aċċerta ruħu minn dak li kien qed jgħidlu l-intervistat Cutajar billi ra provi dokumentali[33] – irid iġorr ir-responsabbilta' ta' din il-konsegwenza wkoll fil-konfront tal-attur. L-istess imħarrek ma jistax jistkenn lanqas wara l-fatt li kulma kien qed jagħmel kien li jniżżel kelma b'kelma dak li kien qiegħed jirrakkontalu l-imħarrek Cutajar waqt intervista, ukoll jekk hu kien jemmen bis-sħiħ u bla ma kellu ebda dubju li Cutajar kien qed jgħidlu s-sewwa. F'dan ir-rigward, huwa mgħallem li "*In accordance with general principle all persons who participate in the publication of a libel and who are liable therefor are jointly and severally liable for the whole damage suffered by the plaintiff. Thus, in the case of the publication of a newspaper the journalist, editor and publisher are all joint tortfeasors*"[34];

Illi dan ifisser li, ladarba l-artiklu inkriminat tassew jillibella lill-attur, l-imħarrek Mizzi ma jinħelisx mir-responsabbilta' għar-raġuni waħedha li l-kliem użat fl-artiklu kien ċitazzjoni fidila tal-kliem tal-imħarrek Cutajar intervistat. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Mizzi jistħoqqilha tintlaqa';

Illi jifdal li l-Qorti tirreferi għall-**eċċezzjonijiet tal-imħarrek Briffa** fil-kwalita' li fiha tħarrek. Huwa tħarrek bħala l-editur tal-gażżetta li fiha dehru ż-żewġ artikli;

Illi, fid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża man-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, l-imħarrek Briffa jgħid li m'għandux jinstab responsabbli għal xi ħsara li l-attur jgħid li ġarrab ladarba l-artikli nkitbu minn persuna (intervistatur) identifikata dwar kliem li qalet persuna (l-imħarrek intervistat) daqstant ieħor identifikata. Għalhekk, is-

[33] Xhieda tiegħu 3.4.2003, f'paġ. 169 tal-proċess
[34] Gatley on Libel & Slander (10th Edit, 2004), § 6.2, f'paġ. 130

sehem tiegħu bħala editur tal-gażżetta kien biss dak li offra wisgħa fil-gażżetta tiegħu għall-imsemmija intervista bla ma assoċja ruħu b'xi mod ma' dak li ngħad u nkiteb fl-istess artikli;

Illi l-liġi tidher li tagħmilha ċara li l-editur ta' gażżetta jġorr responsabbilta' flimkien ma' min ikun kiteb fil-gażżetta tiegħu[35]. Il-fatt li l-persuna li tkun kitbet il-pubblikazzjoni tkun magħrufa m'hijiex raġuni biex taqla' lill-editur mir-responsabbilta' (jekk ikun hemm). Huwa biss meta la l-kittieb u lanqas l-editur ma jkunu magħrufa li l-liġi tgħabbi bir-responsabbilta' lil min jintriga għall-pubblikazzjoni li tkun[36]. Għalhekk, taħt il-liġi tagħna, ir-responsabbilta' tal-editur hija bħallikieku solidali ma' dak li jkun ippubblika fil-gażżetta tiegħu[37]. Il-Qorti żżid issemmi wkoll il-konsiderazzjonijiet li hija għadha kemm ġġamlet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Mizzi;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Briffa, safejn timmira li taqilgħu 'l barra mill-applikabilita' tal-ewwel talba attriċi, ma jidhirx li hija tajba;

Illi sewwasew minħabba din is-solidarjeta' fir-responsabbilta' mal-awtur tal-pubblikazzjoni, u ladarba l-Qorti sabet li kemm l-awtur u kif ukoll il-persuna intervistata jaħtu għall-malafama lill-attur, jiġi li l-editur irid jerfa' l-istess responsabbilta' lejn l-attur għal dik il-ħtija;

Illi b'riferenza għas-sottomissjonijiet magħmula fin-Nota tiegħu dwar il-liberta' ġurnalistika u l-jedd ta' kronaka[38], il-Qorti ssib li dawk il-jeddijiet m'humiex aqwa mill-jedd tal-integrita' tal-persuna u l-isem jew il-fama tajba tagħha, l-aktar fejn dik il-liberta' ġurnalistika jew il-jedd tal-kronaka ma jkunux imsejsa fuq fatti veri;

Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Briffa m'hijiex tajba lanqas fil-mertu;

---

[35] Artt. 23(a)(b) u 25(1) tal-Kap 248
[36] Art. 23(ċ) tal-Kap 248
[37] Ara App. Ċiv. **18.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartoli vs Semini et*** (Kollez. Vol : **XXXII.i.350**) u App. Ċiv. **21.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***DeMarco vs Aġius et*** (Kollez. Vol : **LXXV.ii.462**)
[38] Ara paġġ. 187 – 8 tal-proċess

Illi dan ifisser li t-**tieni talba attriċi** hija tajba u l-imħarrkin huma lkoll responsabbli għall-fama ħażina mogħtija lill-attur bil-kliem pubblikat imsemmi fis-siltiet tal-artiklu identifikati mill-attur fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi** jingħad għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[39];

Illi l-Qorti qegħda tqis, fost l-oħrajn, li l-artiklu mertu tal-każ kien maħsub li jqanqal reazzjoni mhux daqstant kontra l-attur, imma kontra linja ta' mġiba li l-awtur tal-intervista qies li kienet ħassret il-ħajja tal-imħarrek Cutajar. L-attur kien wieħed minn sensiela ta' nies li, f'għajnejn l-imsemmi Cutajar, kienu ġabuh fiex ġabuh b'għamilhom. Tqis li l-attur iddaħħal f'din l-istorja bla mistenni sempliċement għaliex l-imħarrek Cutajar kien semmih f'xhieda li ma ntweriex x'kien daqstant essenzjali tinkludi l-episodju li fih iddaħħal l-attur, ladarba l-fatt li dwaru ttella' jixhed l-imħarrek Cutajar quddiem il-Qorti Kriminali kien jirrigwarda x'suppost x'ġara filgħaxija tal-20 ta' Novembru, 1992, u mhux x'ġara lejlet l-ewwel tas-sena 1993. Tqis li l-attur ma kienx "persuna pubblika" fiż-żmien meta seħħew il-ġrajja pubblikati u lanqas dak inhar li dehret l-intervista. Tqis fuq kollox, il-"fatt" li fuqu nbena l-artiklu ħareġ li ma kienx minnu;

Illi, meħuda dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur minn kull wieħed mit-tliet imħarrkin fis-somma ta' seba' mitt euro (€ 700) kull wieħed, jiġifieri elfejn u mitt euro (€ 2,100) b'kollox;

[39] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha**, kemm dawk ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu, tal-imħarrkin kollha;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li s-siltiet fl-artiklu li deher fil-gażżetta *It-Torċa* tal-Ħadd, 28 ta' Marzu, 1999, li jsemmu b'ismu jew jirreferu għall-attur huma libellużi, malafamanti u nġurjużi bi ħsara għalih, u jesponuh għad-disprezz tal-qarrej;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib lit-tliet imħarrkin solidalment responsabbli lejn l-attur għall-għamil tagħhom;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu bejniethom lill-attur, jew l-aventi kawża minnu, s-somma ta' elfejn u mitt euro (€ 2,100) bħala danni likwidati; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------